



Brussell, 19 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7672/19

AGRI 159
ENV 313
CLIMA 84
ONU 31

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura / Kunsill
Nru dok. Cion:	15011/18
Suġġett:	Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima - aspetti agrikoli - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

1. Fit-28 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni "Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima".
2. Il-Komunikazzjoni ġiet ippreżentata lill-Kunsill fid-19 ta' Diċembru 2018 (Enerġija) u fl-20 ta' Diċembru 2018 (Ambjent). Fil-Kunsill saru dibattiti ta' orjentazzjoni fit-18 ta' Frar 2019 (Kompetittività), fl-4 ta' Marzu 2019 (Enerġija) u fil-5 ta' Marzu 2019 (Ambjent). Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti t-tibdil fil-klima fil-21 u t-22 ta' Marzu 2019.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) ilu sa minn Jannar 2019 jiddiskuti l-Komunikazzjoni u l-analiżi fil-fond li hemm magħha. Id-delegati mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali (Riforma tal-PAK) kien mistieden jattendi l-laqgħa tal-WPE li saret fil-5 ta' Frar 2019, meta l-Kummissjoni ppreżentat aspetti relatati mal-agrikoltura tal-Komunikazzjoni u tal-analiżi fil-fond.

4. Il-Presidenza għandha l-għan li torganizza dibattiti fil-formazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-oqsma ta' politika rispettivi tagħhom għall-viżjoni ġenerali.
 5. Sabiex tiggwida l-iskambju ta' fehmiet ministerjali fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-15 ta' April 2019, il-Presidenza ħejjiet id-dokument ta' informazzjoni u l-mistoqsijiet fl-Anness għal din in-nota.
 6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tad-dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza, kif jinsab fl-Anness għal din in-nota, u japprova l-mistoqsija li tidderieġi l-iskambju tal-fehmiet tal-Ministri.
-

**Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika fit-tul għal ekonomija newtrali għall-klima -
aspetti agrikoli**

Dokument tal-Presidenza u mistoqsija għall-ministri

1. L-agrikoltura jista' jkollha rwol importanti fil-proċess tat-transizzjoni tal-UE għal ekonomija newtrali fl-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra (GHG). Il-Komunikazzjoni tirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-agrikoltura peress li hija responsabbli għal aktar minn 10 % tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra tal-UE. Fl-istess waqt, l-agrikoltura, flimkien mal-foresterija, hija wkoll bir tal-karbonju. F'Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li l-oġġettivi multipli tas-settur tal-agrikoltura u tal-użu tal-art, bil-potenzjal ta' mitigazzjoni inferjuri tagħhom, jenħteġ li jiġu rikonoxxuti, kif ukoll il-ħtieġa li tkun żgurata l-koerenza bejn l-oġġettivi tas-sigurtà alimentari u l-oġġettivi tat-tibdil fil-klima. Il-Politika Agrikola Komuni(PAK) attwali diġà qed tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-klima u l-proposti dwar il-PAK futura stabbilixxew ambizzjonijiet saħansitra ogħla f'dan ir-rigward. It-transizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima tipprevedi trasformazzjonijiet fis-settur agrikolu li ser jippermettu lill-UE tiggarrantixxi s-sigurtà alimentari, filwaqt li tikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi tal-klima.
2. L-UE dejjem kienet minn ta' quddiem fl-indirizzar tal-kawżi tat-tibdil fil-klima u qed taħdem għal risposta miftiehma fil-livell globali fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi. Għal dan il-għan, f'Ġunju 2017 il-Kunsill Ewropew reġa' tenna bil-qawwa l-impenn tal-UE u l-Istati Membri għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u fit-22 ta' Marzu 2018 stieden lill-Kummissjoni Ewropea biex, sal-ewwel kwart tal-2019, tippreżenta proposta għal strateġija għat-tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra tal-UE f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, b'kont meħud tal-pjanijiet nazzjonali.

3. Fit-28 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni "Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima"¹. Il-Komunikazzjoni tippreżenta viżjoni ta' kif l-UE tista' tikkontribwixxi fit-tul biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. L-għan tal-Komunikazzjoni kien li tniedi dibattitu wiesa', li jinvolvi lil dawk li jieħu d-deċiżjonijiet u liċ-ċittadini Ewropej, dwar kif l-Ewropa għandha tħejji ruħha għall-orizzont tal-2050.

Abbażi ta' dan, l-UE għandha tkun tista' tadotta u tippreżenta strateġija fit-tul sal-2020 lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) kif mitlub skont il-Ftehim ta' Pariġi.

4. Il-Komunikazzjoni tenfasizza t-trasformazzjonijiet meħtieġa fis-setturi kollha tal-ekonomija, inkluż l-agrikoltura, sabiex titwettaq it-transizzjoni għal emissjonijiet ta' gass serra żero netti. Skont id-dokument, it-transizzjoni għandha tkun soċjalment ġusta kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għar-reġjuni, ittejjeb il-kompetittività u tiżgura t-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi.
5. Il-Komunikazzjoni tistabbilixxi tmien xenarji għall-UE li jiksbu t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn -80% sal-2050 (meta mqabbla mal-1990) għal emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra żero netti sal-2050. Huwa enfasizzat li s-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija huma uniċi għaliex jistgħu ukoll ineħħu s-CO₂ mill-atmosfera. Illum, din it-tneħħija annwali hija sinifikanti u twassal għal bir nett fl-UE ta' madwar 300 miljun tunnellata ta' CO₂. Iżda dan mhux biżżejjed biex jikkompensa għall-emissjonijiet li jifdal mingħajr miżuri addizzjonali għat-tisħiħ tar-rwol ta' artna. Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi esplorata azzjoni addizzjonali dwar kif il-bijomassa tista' tiġi fornita b'mod sostenibbli filwaqt li jissaħħaħ il-bir naturali tagħna, jew flimkien mal-qbid u l-ħżin tal-karbonju li t-tnejn li huma jistgħu jwasslu għal żieda fl-emissjonijiet negattivi. Il-Komunikazzjoni tissuġġerixxi li l-kisba ta' emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra żero netti ser teħtieġ il-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-għażliet teknoloġiċi u tal-ekonomija ċirkolari u l-użu fuq skala kbira ta' bjar tal-karbonju naturali bbażati fuq l-art, inkluż fis-setturi tal-agrikoltura u tal-foresterija.

¹ 15011/18.

6. Sabiex tkun żgurata l-mogħdija għal ekonomija b'emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra żero netti, il-Komunikazzjoni tiddeskrivi seba' elementi kostitwenti fejn wieħed minnhom, aktar mill-oħrajn huwa konness b'mod aktar espliċitu mal-agrikoltura, b'hekk igawdi l-benefiċċji kollha tal-bijoeconomija u joħloq bjar tal-karbonju essenzjali. Fir-rigward ta' dan l-element kostitwenti, hu enfasizzat li minħabba popolazzjoni dejjem tikber, l-agrikoltura u l-foresterija tal-UE ser ikollhom jipprovdu biżżejjed ikel, għalf u fibri. L-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra li mhux CO₂ mill-produzzjoni tal-agrikoltura jistgħu jitnaqqsu permezz ta' metodi ta' produzzjoni effiċjenti u sostenibbli. Id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji intelliġenti huma l-bażi għal agrikoltura ta' preċiżjoni. L-innovazzjoni għandha rwol dejjem aktar importanti u tgħin fiż-żieda tal-produttività. Il-ħażniet tal-karbonju fil-ħamrija agrikola jistgħu jiżdiedu pereżempju permezz ta' żriġh mingħajr ħrit u l-użu ta' għelejjel ta' kopertura. Iż-żamma u ż-żieda ulterjuri tal-bir naturali tal-foresti, il-ħamrija u l-artijiet agrikoli huma kruċjali.

Element kostitwenti ieħor, industrija kompetittiva tal-UE u l-ekonomija ċirkolari bħal l-qofol li jippermetti t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass serra, jirreferi għall-użu effiċjenti fir-riżorsi tal-materja prima u l-bijomassa.

7. Il-viżjoni fit-tul tal-Kummissjoni tissuġġerixxi li jiġi attwat qafas ta' abilitazzjoni biex tiġi stimolata t-transizzjoni fit-tul. Xi wħud mill-komponenti ta' dan il-qafas huma r-riċerka, l-innovazzjoni u l-investimenti. Fir-rigward tal-impatti ekonomiċi u soċjali, huwa enfasizzat li ż-żoni rurali jeħtieġ li jżommu forza tax-xogħol b'ħiliet suffiċjenti li jagħmlu tajjeb għaddomandi li qed jiżdiedu u jinbidlu fis-setturi tal-agrikoltura u l-foresterija, filwaqt li jaffaċċaw popolazzjoni rurali li qed tonqos.
8. Il-viżjoni tal-Kummissjoni tistabbilixxi numru ta' prijoritajiet prevalenti li għandhom jiggwidaw it-transizzjoni għal Ewropa newtrali għall-klima. Waħda minnhom hija din li ġejja: il-promozzjoni ta' bijoeconomija sostenibbli, id-diversifikazzjoni fl-agrikoltura, it-trobbija tal-bhejjem, l-akkwakultura u l-produzzjoni tal-forestrija, iż-żieda ulterjuri fil-produttività filwaqt li jsir ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima nnifsu, il-preservazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi, u l-iżgurar tal-użu u l-ġestjoni sostenibbli tal-art naturali u r-riżorsi akkwatiċi u tal-baħar.

9. Il-Komunikazzjoni tappella lill-atturi politiċi nazzjonali u Ewropej kollha, kif ukoll lill-partijiet ikkonċernati fis-settur privat u liċ-ċittadini Ewropej, biex jieħdu sehem attiv fid-dibattitu u fl-identifikazzjoni tal-miżuri biex tinħoloq ekonomija kompetittiva u b'livell baxx ta' karbonju, filwaqt li jiġu indirizzati kemm l-isfidi kif ukoll l-opportunitajiet.
10. Il-viżjoni multidimensjonali u interdixxiplinari ppreżentata fil-Komunikazzjoni teħtieġ azzjoni koordinata minn firxa wiesgħa ta' oqsma, fosthom l-agrikoltura, flimkien mal-enerġija u t-trasport, li jgħorr l-akbar piż.
11. Il-Komunikazzjoni tistieden lill-formazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill biex ikollhom dibattiti ta' orjentazzjoni estensivi dwar il-kontribut tal-oqsma ta' politika rispettivi tagħhom għall-viżjoni ġenerali fit-tul tat-transizzjoni tal-UE għal ekonomija kompetittiva u newtrali għall-klima. F'dan il-kuntest, il-Ministri għall-Agrikoltura huma mistiedna jiddiskutu l-elementi ewlenin tal-Komunikazzjoni li huma relatati mal-agrikoltura.
12. L-iskambju ta' fehmiet fil-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) huwa maħsub biex jiggrwida l-passi lejn l-orjentazzjonijiet strateġiċi ewlenin u jesplora l-viżjoni tal-Istati Membri fl-orizzont tal-2050, filwaqt li jibni fuq il-miri maqbula għall-2030.

Mistoqsija

Il-Ministri jgħidu li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjaneta Nadifa għal kulħadd" tistabbilixxi d-direzzjoni t-tajba għall-kontribut fit-tul tal-UE biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi sa fejn hu konċernat is-settur agrikolu? F'dan ir-rigward, il-Ministri fejn jaħsbu li hemm l-aktar hteġa urġenti għal azzjoni fil-politika agrikola fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni?